MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tad-9 ta' Ottubru, 2013

Citazzjoni Numru. 792/2013

Maritime Asset Security and Training (Mast) Ltd (C-48834)
vs
Il-Bastiment Pacific Future (IMO 9177636)

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**

Rat ir-rikors ta' Peter Dimech bhala Direttur tas-socjeta` Maritime Asset Security and Training (Mast) Ltd li permezz tieghu espona:

1. Illi Maritime Asset Security and Training (Mast) Limited, socjeta` nkorporata f'Malta bin-numru ta' registrazzjoni C-48834, hija kumpanija privata li tipprovdi servizzi ta' sigurta` marittima fosthom il-provvediment tas-servizzi ta' gwardjani armati bl-ghan uniku li joffru protezzjoni abbord bastimenti kontra l-piraterija jew is-serq armat fuq il-bahar.

2. Illi l-bastiment intimat huwa proprjeta` tas-socjeta` estera Machiko Carrier Inc.

3. Illi l-istess Machiko Carrier Inc appuntat bhala l-*managers* tal-bastiment intimat lis-Sea Management Limited tramite Unimars Marine Ltd permezz ta' *back to back ship management contracts* datati 5 ta' Lulju, 2012. Kopji ta' dawn il-kuntratti gew annessi mar-rikors u mmarkati bhala Dok. 'A'.

4. Illi s-socjeta` Sea Management Limited f'isem is-sidien tal-bastiment intimat dahlet f'zewg kuntratti mas-socjeta` attrici Maritime Asset Security and Training (Mast) Limited ghall-provvista ta' servizzi tas-sigurta` marittima abbord il-bastiment *Pacific Future* meta dan kellu bzonn ibahhar f'ibhra assocjati mal-piraterija:

a. L-ewwel kuntratt gie konkluz permezz ta' korrispondenza b'*e-mails* bejn is-socjeta` rikorrenti, il-*managers* Sea Management Limited u l-Kaptan tal-bastiment. Il-*managers* ikkonfermaw illi s-sidien tal-bastiment kienu qablu u ftehmu li jqabbdu lis-socjeta` attrici biex tipprovdilhom servizzi ta' sigurta` marittima fuq il-bastiment *Pacific Future*. Dan il-kuntratt gie konkluz skond it-termini u l-kundizzjonijiet tad-dokument imsejjah l-*Initial Contract* li ntbaghtet lill-partijiet. Kopji ta' din il-korrispondenza u ta' l-*Initial Contract* gew annessi mar-rikors u mmarkati bhala Dok. 'B'.

b. It-tieni kuntratt huwa kuntratt tal-Guardcon 2012 li gie ffirmat fit-23 ta' Ottubru 2012. Kopja ta' dan il-kuntratt gie anness mar-rikors u mmarkat bhala Dok. 'C'.

5. Illi s-servizzi mitluba minghand is-socjeta` attrici gew rezi fiz-zminijiet stipulati fiz-zewg kuntratti u cioe` bejn is-17 ta' Settembru 2012 u d-9 ta' Ottubru 2012 kif ukoll bejn il-11 ta' Novembru 2012 sal-11 ta' Dicembru 2012.

6. Illi nonostante l-fatt li nbaghtu l-fatturi ghall-hlas tal-kontijiet pendenti in konnessjoni mal-bastiment intimat, liema kontijiet jammontaw ghas-somma ta' mija u tmienja

u ghoxrin elf, mija u wiehed u tletin ewro u wiehed u erbghin centezmu (€128,131.41), dawn ghadhom sa llum ma thallsux. Kopji tal-fatturi relattivi gew annessi mar-rikors u mmarkati bhala Dok. 'D'.

7. Inghad ukoll illi l-ammonti dovuti taht dawn il-kuntratti qatt ma gew ikkontestati. Ghall-kuntrarju, l-*managers* Sea Management Limited kitbu diversi *e-mails* lis-socjeta` rikorrenti fejn infurmawha li kienu qedin jigru wara s-sidien tal-bastiment intimat sabiex dawn ta' l-ahhar ihallsu l-kontijiet pendenti minnhom dovuti lis-socjeta` attrici. Kopja ta' din il-korrispondenza giet annessa mar-rikors u mmarkata bhala Dok. 'E'.

8. Illi *ai termini* tal-fuq imsemmija *ship management contracts* l-ispejjez kollha mgarrba fir-rigward tal-bastiment ghandhom jigu debiti fil-kont ta' sidien u mhallsa mill-istess sidien.

9. Illi l-bastiment intimat dahal fl-ibhra territorjali ta' Malta f'Marzu 2013 fejn gie arrestat minn diversi kredituri (inkluza s-socjeta` rikorrenti permezz tal-mandat ta' arrest Nru 1117/2013), u sallum ghadu taht arrest fl-ibhra Maltin u taht il-gurisdizzjoni ta' Malta.

10. Illi l-bastiment intimat illum jinsab ankrat gewwa *Bunkering Area 3*.

11. Illi ghalhekk dan id-debitu huwa cert, likwidu u dovut u r-rikorrenti *nomine* jaf li l-bastiment intimat ma ghandu l-ebda eccezzjoni valida x'jissoleva u jaf hu nnifsu bil-fatti kif fuq indikati.

Is-socjeta` rikorrenti talbet lill-Qorti biex prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna u ddispensat mis-smigh tal-kawza a tenur ta' l-Artikolu 167 tal-Kap. XII tal-Ligijiet ta' Malta:

(i) Tikkundanna lill-bastiment intimat ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' mija u tmienja u ghoxrin elf, mija u wiehed u tletin Ewro u wiehed u erbghin centezmu (€128,131.41).

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet.

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti ezibiti mis-socjeta` rikorrenti.

**B. PROVI:**

Rat li l-bastiment intimat debitament notifikat skond il-ligi ma deher hadd ghalih ghas-seduta tal-lum.

Xehed Peter Dimech, Direttur fis-socjeta` Maritime Asset Security and Training MAST Limited u ilu f'din il-kariga ghal dawn l-ahhar sena u hames xhur u qal li Il-Bastiment Pacific Future huwa debitur taghhom fl-ammont imsemmi fir-Rikors Guramentat fl-ammont ta' €128,131 u minn meta sar ir-Rikors Guramentat ma ghamlu ebda pagament u ghalhekk l-ammont kollu ghadu dovut.

**C. KONKLUZJONIJIET:**

Illi ghalhekk it-talba tas-socjeta` rikorrenti tidher gustifikata u l-Qorti filwaqt li qed tiddeciedi l-kawza bid-dispensa tas-smigh a tenur ta' l-artikoli 167 *et seq* tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, qed tikkundanna lill-bastiment intimat ihallas lis-socjeta` rikorrenti s-somma ta' €128,131.41.

Spejjez kontra l-bastiment intimat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------